MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Numru. 796/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)

**vs.**

**Silvio Camilleri**

**Illum 25 ta' Settembru 2012**

**Kaz Numru 796/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Silvio Camilleri, bin Carmel u Paola nee' Xuereb, imwieled fit-13 ta' April, 1989, residenti fil-fond 'Tan-Najsi', Triq l-Indipendenza, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21289G akkuzat talli nhar is-17 ta'

Settembru 2011 ghall-habta ta' 23:15hrs gewwa Triq Ghajn Qarib, Qala, Ghawdex;

1. Saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni CBB 292 b'mod traskurat u perikoluz;

2. Saq l-istess vettura bi speed eccessiv;

3. Involontarjament ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joanne Cordina kif iccertifika Dr. Coronato Grech MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi kif prodotti, ma jirrizultax li l-imputat kien qed isuq b'mod traskurat u perikoluz jew li huwa kien qed isuq bi *speed* eccessiv u b'hekk l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx pruvati. Mhux l-istess jista' jinghad ghat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dan ghar-raguni li jirrizulta li effettivament l-imputat ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joann Cordina kif jirrizulta mic-certifikat mediku ezebiet f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu minhabba nuqqas ta' provi, wara li rat Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah multa ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25.00).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------